Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Gaetano Walker)

vs

Joseph Grima

Illum 30 ta’ Mejju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat fuq imsemmi, Joseph Grima, iben Emanuel u Maria Antonia nee Grima, imwieled Birkirkara fis-26 ta’ Settembru, 1943 u detentur ta’ karta tal-identita Nru 607043 M talli f’dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar snin, fil-kariga tieghu ma “The Catering Coop Company Ltd” b’diversi azzjonjiet maghmula fi zminijiet differenti u b’rizuluzzjoni wahda, bhala persuna li thaddem u jew manager u jew ufficjal principali iehor u jew pagatur u

ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-Artikolu 55(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income Kap. 123 (hawn izjed 'il quddiem imsejjah l-Att) u r-regola 28 tar-Regoli ta' l-1972 dwar Tnaqqis ta' Taxxa (PAYE) (hawn izjed 'il quddiem imsejjha ir-Regoli) wara Ii thallsu emolumenti taxxabbli taht l-Artikolu 5 (1) (b) u jew (e) ta' l-Att bi ksur tad-dispozizzjonijiet li ser jissemmew :

1. Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt it-Taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-Artikolu 55(1) ta' l-Att u r-Regola 12(1) (a) tar-Regoli, u dan ghal perjodu 1990 Lulju sa Dicembru, 1991 minn Jannar sa Dicembru, 1992 minn Awissu sa Dicembru, 1993, Jannar sa April, Gunju, u Ottubru sa Dicembru, 1994, Jannar sa Dicembru, 1995, minn Jannar sa Lulju u ghar-rigward tas-somma ta' LM18,556;

2. Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospetti dettaljat/i skond l-Artikolu 55(2) ta' l-Att u r-Regola 12(1)(a) tar-Regoli u dan ghar-rigward tal-prospett/i ghall-perjodu imsemmi fil-paragrafu No. 1;

3. Naqas milli jibghat fiz-zmien preskritt ir-returns (il-prospetti/d-dokumenti) annwali li jikkonsistu fil-formoli P3, P6 u P7 skond l-Artikolu 55(2) ta' l-Att u r-Regola 14 tar-Regoli;

4. Approprja ruhu, billi dawwar ghalih jew ghal persuna/i ohra s-somma ta' Lm18,556 li hu zamm taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kirminali Kapitolu 9 u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' The Catering Coop Ltd.

Il-Qorti giet mitluba illi barra milli tinfliggi l-piena preskritta fis-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 55 ta' l-Att, tordna lill-imputat jottempera ruhu mal-Ligi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz lill-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu, 2002, jirtira l-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra biss jekk gietx ippruvata r-raba imputazzjoni u cioe' dik illi l-imputat fuq imsemmi approprja ruhu billi dawwar ghalih jew ghall-persuna jew persuni ohra is-somma ta' tmintax il-elf hames mija u sitta u hamsin lira (LM18,556) li huwa zamm taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnu specifikat bi ksur tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali u b'dannu lill-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati ta' The Catering Coop Limited;

Ikkunsidrat :

Illi sabiex jirrizulta r-reat ta' approprazzjoni indebita irid jirrizulta illi l-imputat approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi igib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat fuq imsemmi bejn is-sena 1994 u is-sena 1996 kien jigi mahtur kull sena mill-haddiema tal-Catering Coop Limited sabiex imexxihom.

Illi fil-perjodu in kwistjoni l-Catering Coop Limited kellha problemi finanzjarji u b'hekk il-haddiema kif ukoll il-Gvern ma setghux jibqghu jithallsu. Sussegwentement u dana ukoll kif xehed l-istess imputat, meta gew biex iwwaqfu l-koperattiva kienu saru arrangamenti biex il-koperattiva ma tibqax topera. L-arrangamenti f'dan is-sens kienu saru mal-Gvern.

Illi Eugenio Sapiano xehed waqt is-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2001 illi d-dipartiment tat-Taxxi Interni illum il-gurnata ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat fuq imsemmi u dana peress illi thallsu kemm ghan-'National Insurance', kif ukoll ghas-'Social Security Contributions'.

Illi xehdu diversi nies li kienu jahdmu ma din il-koperattiva. Illi wiehed minn dawn il-persuni, certu Vincent Sultana, xehed illi l-paga gieli tahielu is-Sur Mifsud u gieli tahielu l-imputat. Ic-'cheque' tal-paga kien ikun iffirmat mill-imputat fuq imsemmi u kien ikun hemm indikat fuq ic-cheque kemm kienet il-paga u kemm kien it-tnaqqis ghall-bolla u ghall-'income tax'. L-impjegati xehdu li ma kienux jafu x'kien

qieghed jigri mit-tnaqqis li kien qieghed isirilhom mill-paga ghall-'income tax' u ghall-bolla. Fl-ahhar tas-sena huma kollha kienu jinghataw l-formola P3 mill-koperattiva sabiex jannetuha mal-'income tax return' taghhom. Certu Mario Borg li kien impjegat mal-Catering Coop Limited xehed illi jaf illi f'certu zmien il-kumpanija kienet dahlet fi krizi u illi parti mill-flus ma kienux qeghdin jghaddu lid-dipartimenti koncernati. Ix-xhud qal illi kienu jghidulhom illi qeghdin jghaddu l-flus aktar tard. Kien ikollhom xi laqghat li kienu jkunu imexxiha mill-'board' tat-tmexxija li taghha l-imputat fuq imsemmi kien jaghmel parti.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car illi wiehed mill-elementi essenzjali ta' appropjazzjoni indebita fil-kuntest tal-kaz odjern huwa kostitwit mill-frazi "taht it-titolu illi igib mieghu l-obbligu li jsir uzu minnha specifikat". Il-Qorti trid tara pero' minn min l-uzu huwa specifikat. L-Uzu irid ikun gie specifikat minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd iktar. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga biss illi jkollha jedd timponi l-obbligu, ossija tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza moghtija fl-14 ta' Frar, 1997 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra John Gauci" fejn gie deciz u dana f'kaz fejn l-appellant ma hallasx it-taxxa mill-flus li kien irceva minghand l-azzjonisti tas-socjetajiet, illi sabiex tigi ippruvata l-kummissjoni ta' dak ir-reat ghandu l-ewwel jigi ippruvat illi l-azzjonisti obbligaw lill-appelant li juza dawk il-flus ghall-hlas tat-taxxa. F'dan il-kaz li l-Qorti iddecidiet illi l-obbligu fil-fatt ma irrizultax mill-provi prodotti u ghalhekk l-appellant gie liberat mill-akkuza ta' approprjazzjoni indebita. Illi f'dak il-kaz il-Qorti kienet qalet hekk :

*"Ghandha issir distinzjoni bejn minn naha wahda l-obbligu tal-appellant fir-relazzjoni tieghu bhala direttur tas-socjeta' mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u minn naha l-ohra l-obbligu tieghu fir-relazzjoni tieghu bhala mandatarju mal-azzjonisti ta' dik is-socjeta'. Fl-ewwel kaz l-appellant huwa obbligat personalment li jhallas it-taxxa u fit-tieni kaz huwa obbligat li jaghmel uzu mill-flus rimessi lilu kif specifikat mill-azzjonisti. Fit-tieni kaz ma jirrizultax li l-appellant ghamel mill-flus rimessi lilu uzu divers minn kif specifikat mill-azzjonisti mittenti u ghalhekk mhux hati tat-tieni imputazzjoni."*

Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi l-'Memorandum and Articles' tas-socjeta' 'The Catering Co-

operative Company Limited' u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prova illi l-imputat fuq imsemmi kien proprju obbligat illi jhallas hu stess il-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-'social security'.  Ghalhekk una volta ma giex ippruvat element essenzjali ta' dan ir-reat u cioe' ezzattament x'kien l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u una volta illi ma giex ippruvat illi l-agent kienx ghamel mill-haga dak l-uzu jew inkella uzu divers il-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi **mhux hati** tar-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel tlett imputazzjonijiet, liema l-ewwel tlett imputazzjonijiet gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, qeghda tillibera lill-imputat mir-raba imputazzjoni peress illi din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur